31998R0260

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 260/98

tat-30 ta' Jannar 1998

li jemenda kemm ir-Regolament (KE) Nru 1445/95 dwar ir-regoli ta' l-applikazzjonii għall-liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni fis-settur taċ-ċanga u l-vitella u r-Regolamenti (KE) Nru 589/96, (KE) Nru 935/97, (KE) Nru 936/97, (KE) Nru 995/97, (KE) Nru 996/97, (KE) Nru 1006/97, (KE) Nru 1042/97, (KE) Nru 1376/97, (KE) Nru 1939/97 u (KE) Nru 1940/97

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2634/97 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 u 25 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 715/90 tal-5 ta' Marzu 1990 dwar l-arranġamenti applikabli għall-prodotti agrikoli u ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Istati ACP jew fil-pajjiżi u t-territorji mbiegħda (OCT) [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissijoni (KEE) Nru 619/96 [4], u partikolarment l-Artikolu 27 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet stabbiliti fl-Iskeda CXL mfassal mal-konklużjoni tan-negozjati tal-GATT (l-Artikolu XXIV (6)) [5], u partikolarment l-Artikolu 1(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi Komunitarji għall-ċerti prodotti agrikoli u jipprovdu għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm disposizzjoni dwarhom fl-Ftehim Ewropej biex jittieħed akkont tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konklużi matul il-Laqgħa ta' l-Urugwaj tan-negozjati multilaterali tal-Kummerċ [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1595/97 [7], u partikolarment l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1926/96 tas-7 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għall-ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm disposizzjoni dwarhom fil-ftehim dwar il-kummerċ ħieles u l-materji irrelatati mal-kummerċ mal-Estonja, il-Latvja u l-Lituwanja, biex jittieħed akkont tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konklużi waqt in-negozjati multilaterali tal-kummerċ tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj [8], u partikolarment l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi l-garanziji kontra l-liċenzi ta' l-importazzjoni għall-annimali ħajjin u l-laħam mhumiex konistenti fir-regolamenti varji; billi għandhom jiġu aġġornati u armonizzati;

Billi l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 dwar ir-regoli ta' l-applikazzjoni għall-liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni fis-settur taċ-ċanga u l-vitella u jabolixxi r-Regolament (KEE) Nru 2377/80 [9], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2616/97 [10], jistabbilixxi t-terminu ta' żmien li bih u l-metodi li bihom l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet ta' prodotti li dwarhom ikunu nħarġu l-liċenzi ta' l-importazzjoni;

Billi hemm serje ta' numri fit-Tariffa Integrata tal-Komunitajiet Ewropej (TARIC) li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-arranġamenti preferenzjali, il-prodotti involuti u f'ċerti każi l-oriġini tagħhom; billi l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jpoġġu dawn in-numri fuq il-liċenzi ta' l-importazzjoni jew l-estratt(i) tagħhom u jużawhom fin-notifiki lill-Kummissjoni;

Billi mhux ir-Regolamenti kollha li jistabbilixxu r-regoli dettaljati ta' l-implimentazzjoni għall-kwoti ta' l-importazzjoni jinkludu serje ta' numri TARIC għall-kwoti; billi n-numri għandhom ikunu inklużi fir-Regolamenti in kwistjoni;

Billi ċerti Regolamenti li jistabbilixxu r-regoli ta' l-applikazzjoni għall-importazzjoni tal-prodotti mill-ifrat jirrikjedu li l-Istati Membri jinnotifkaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet fil-fatt impurtati; billi, biex tikkjarifika u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi żejda, dawn id-disposizzjonijiet għandhom ikunu ssimplifikati u introdotti fir-Regolament (KE) Nru 1445/95;

Billi l-awtorità kompetenti nazzjonali li toħroġ il-liċenza ta' l-importazzjoni mhux dejjem tkun taf il-pajjiż ta' l-oriġini tal-kwantitajiet impurtati permezz tal-kwoti tat-tariffi miftuħa għall diversi pajjiżi jew tal-kwantitajiet importati soġġetti għad-dazji CCT; billi l-identifikazzjoni tal-pajjiż ta' l-oriġini fil-każ ta' kwoti ta' tariffi jew fil-każ ta' l-importazzjoni mhux preferenzjali għandhom ikunu ħtiġiet primarji skond l-interpretazzjoni

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 356, tal-31.12.1997, p. 13.
[3] ĠU L 84, tat-30.3.1990, p. 85.
[4] ĠU L 89, ta' l-10.4.1996, p. 1.
[5] ĠU L 146, ta' l-20.6.1996, p. 1.
[6] ĠU L 328, tat-30.12.1995, p. 31.
[7] ĠU L 216, tat-8.8.1997, p. 1.
[8] ĠU L 254, tat-8.10.1996, p. 1.
[9] ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 35.
[10] ĠU L 353, ta' l-24.12.1997, p. 8.

tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' garanziji għall-prodotti agrikoli [1], kif l-aħħart emendat bir-Regolament (KE) Nru 3403/93 [2], u l-annotazzjoni tal-pajjiż ta' l-oriġini għall-kwoti f'dan il-każ u għall-importazzjoni mhux preferenzjali fil-kolonna 31 tal-liċenza ta' l-importazzjoni jew l-estratt tagħha għandhom għalhekk ikunu meħtieġa;

Billi kull liċenza ta' l-importazzjoni għandha f'kull każ tkun akkumpanjata b'garanzija, jekk hija aktar minn 5 ECU; billi għandu jkun hemm deroga mit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kummisjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni u ċ-ċertifikati għall-prodotti agrikoli [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1404/97 [4];

Billi, biex tħaffef ir-ritorn tal-liċenza ta' l-importazzjoni jew l-estratt tagħha, għandha ssir deroga mid-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 għall-dak li jirrigwardja s-sekwestru parzjali ta' garanzija u ż-żmien massimu biex tipprovdi provi ta' l-importazzjoni;

Billi l-inklużjoni tad-disposizzjonijiet t'hawn fuq f'regolament wieħed ifisser li d-disposizzjonijiet korrespondenti fir-regolamenti l-oħra li diġa huma fis-seħħ għandhom ikunu mħassra; billi dawn ir-regolamenti segwenti tal-Kummissjoni għandhom ikunu emendati kif xieraq:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/96 ta' 2 April 1996 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill fis-settur taċ-ċanga u l-vitella tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 715/90 dwar l-arranġamenti applikabli għall-prodotti agrikoli u ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli fl-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku jew fil-pajjiżi u t-territorji mbiegħda [5],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 935/97 tas-27 ta' Mejju 1997 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni tal-barrin, tal-baqar u ta' l-għoġġiela, apparti minn dawk li mhumiex intiżi għall-qattla, ta' ċerti razzez ta' l-Alpini u tal-muntanja, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 1997 sat-30 ta' Ġunju 1998 [6],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 936/97 tas-27 ta' Mejju 1997 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-ċanga ta' kwalità għolja, friska, mkesħa jew iffriżata, u għall-laħam iffriżat tal-buflu [7], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 31/98 [8],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 995/97 tat-3 ta' Ġunju 1997 li jistabbilixxi, għall-perjodu ta' l-1 ta' Lulju 1997 sat-30 ta' Ġunju 1998, regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għaċ-ċanga li hemm disposizzjoni dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1926/96 għall-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja [9],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/97 tat-3 ta' Ġunju 1997 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa għall-falda l-irqiqa ffriżata ta' l-annimali tal-ifart li jaqgħu fil-kodiċi NM 0206 29 91 [10], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2048/97 [11],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1006/97 tal-4 ta' Ġunju 1997 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa għaċ-ċanga ffrizżata intiża biex tkun ipproċessata (1 ta' Lulju 1997 sat-30 ta' Ġunju 1998) [12],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1042/97 tal-10 ta' Ġunju 1997 li jiftaħ u jipprovdi għall-kwota ta' tariffa għall-laħam friżat ta' annimali tal-ifrat li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0202 u l-prodotti li jaqgħu fil-kodiċi NM 0206 29 91 (1 ta' Lulju 1997 sat-30 ta' Ġunju 1998) [13],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1376/97 tas-17 ta' Lulju 1997 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa għall-annimali tal-ifrat maskili żagħżagħ għassimna (1 ta' Lulju 1997 sat-30 ta' Ġunju 1998) [14],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1939/97 tat-3 ta' Ottubru 1997 li jistabbilixxi għall-perjodu l-1 ta' Lulju 1997 sat-30 ta' Ġunju 1998, regoli għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għaċ-ċanga u l-vitella li hemm disposizzjoni dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 għar-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2512/96 u 1441/97 [15]

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1940/97 tat-3 ta' Ottubru 1997 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-kwoti ta' tariffi għall-baqar u l-għoġġiela tar-razza speċifika tal-muntanji li joriġinaw minn pajjiżi terzi apparti minn dawk għal-qattla, fil-perjodu ta' 1 ta' Lulju 1997 sat-30 ta' Ġunju 1998, u lijemenda ir-Regolament (KE) Nru 2514/96 [16];

(1) ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.
(2) ĠU L 310, ta' l-14.12.1993, p. 4.
(3) ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
(4) ĠU L 194, tat-23.7.1997, p. 5.
(5) ĠU L 84, tat-3.4.1996, p. 22.
(6) ĠU L 137, tat-28.5.1997, p. 3.
(7) ĠU L 137, tat-28.5.1997, p. 10.
(8) ĠU L 5, tad-9.1.1998, p. 3.
(9) ĠU L 144, ta' l-4.6.1997, p. 2.
(10) ĠU L 144, ta' l-4.6.1997, p. 6.
(11) ĠU L 287, tal-21.10.1997, p. 10.
(12) ĠU L 145, tal-5.6.1997, p. 10.
(13) ĠU L 152, tal-11.6.1997, p. 2.
(14) ĠU L 189, tat-18.7.1997, p. 3.
(15) ĠU L 272, ta' l-4.10.1997, p. 23.
(16) ĠU L 272, ta' l-4.10.1997, p. 28.

Billi l-miżuri li hemm disposizzjoni dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1445/95 huwa emendat kif ġej:

1. Artikolu 4 huwa mibdul bi:

"*Artikolu 4*

Il-garanziji għal-liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu:

— 5 ECU kull ras għall-annimali ħajjin,

— 12 ECU għall-kull 100 kg piż nett għall-prodotti l-oħra."

2. Artikolu 5 huwa mibdul bi:

"*Artikolu 5*

1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet aktar speċifiċi, l-applikazzjonijiet għal-liċenzi għandhom ikunu magħmula għall-prodotti ta':

— subintestatura singola tan-Nomenklatura Magħquda,

jew

— wieħed mill-gruppi tas-subintestaturi tan-Nomenklatura Magħquda elenkati fl-Anness I.

L-informazzjoni murija fuq l-applikazzjoni għandha tkun ukoll fuq il-liċenza.

2. Il-korp li joħroġ il-liċenzi ta' l-importazzjoni għandu jindika in-numru serjali tal-kwota fit-Tariffa Integrata tal-Komunitajiet Ewropej (TARIC) fil-kaxxa 20 tal-liċenza jew is-siltiet minnha."

3. Artikolu 6 huwa mibdul bi:

"*Artikolu 6*

Qabel l-għaxar jum ta' kull xahar, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, bit-telex jew il-fax, il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom ikunu ġew maħruġa l-liċenzi fix-xahar preċedenti.

In-notifiki kollha, inlużi dawk b'rendikont 'Xejn', għandhom ikunu magħmula kif indikat fl-Anness II(A), bl-użu tal-kodiċi indikati u, fil-każ ta' l-arranġamenti preferenzjali, in-numru serjali għall-kwoti fit-Tariffa Integrata tal-Komunitajiet Ewropej (TARIC)."

4. Dawn l-artikoli li ġejjin huma miżjuda wara l-Artikolu 6:

"*Artikolu 6a*

Qabel l-10 ta'Novembru ta' kull sena, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni permezz, b'telex jew b'fax, il-kwantitajiet tal-prodotti li kienu attwalment importati matul il-perjodu ta' mill-1 ta' Lulju tas-sena preċedenti sat-30 ta' Ġunju tas-sena f'dak il-każ.

In-notifiki kollha, inklużi b'rendikont 'Xejn', għandhom isiru kif indikat fl-Anness II(B), u għandhom ikun fihom il-kwantitajiet importati:

— fil-każ ta' l-arranġamenti preferenzjali, għall-kull numru serjali f'kull regolament, maqsuma bix-xahar ta' l-impoprtazzjoni u l-pajjiż ta' l-oriġini u, fil-każ ta' ċerti kwoti għall-annimali ħajjin, bil-kodiċi tal-prodott,

— fil-każ ta' l-arranġamenti mhux preferenzjali, għall-kull kodiċi tal-prodott, maqsuma bix-xahar ta' l-importazzjoni u pajjiż tal-konsennja.

Artikolu 6b

Fil-kaz ta' l-importazzjonijiet mhux preferenzjali jew kwoti ta' tariffi li huma miftuħa għall diversi pajjiżi terzi, fil-kolonna 31 tal-liċenza ta' l-importazzjoni jew l-estratt minnha ma l-informazzjoni diġa stipulata bir-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-pajjiż ta' l-oriġini fil-każ ta' l-importazzjoni preferenzjali u fil-każ ta' l-importazzjoni mhux prefernzjali għandhom ikunu murija meta l-kwantita attwalment impurtata hija attribwita għall-liċenza jew l-estratt.

Il-ħtieġa stabbilita f'dan l-Artikolu hija l-ħtieġa primarja fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85.

Artikolu 6ċ

It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 m'għandux japplika.

Artikolu 6d

Minkejja l-Artikolu 33(3) (b) (ii) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, iż-żmien massimu għall-disposizzjoni tal-prova ta' l-importazzjoni b'sekwestru parzjali tal-garanzija għandu jkun ta' erba' xhur wara l-iskadenza tal-liċenza u s-sekwestru parzjali għandu jkun stabbilit fi 50 %."

5. L-Anness I huwa mibdul bl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

6. L-Anness II huwa mibdul b' l-Annessi II(A) u II(B) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 589/96 huwa emendat kif ġej:

1. Is-subparagrafu li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 1(1):

"Il-kwantitajiet annwali mill-pajjiżi differenti indikati hawn fuq għandhom ikollhom dawn in-numri serjali: għall-kwota tal-Botswana 09.4052, għall-Kenya: 09.4054, għall-Madagaskar: 09.4051, għas-Sważilandja: 09.4053, għaż-Żimbabwe: 09.4055 u għan-Namibja: 09.4056."

2. Artikolu 6 huwa mħassar.

3. Anness II huwa mħassar.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KE) Nru 935/97 huwa emendat kif ġej:

1. Artikolu 5(7) hu mibdul b'dan li ġej:

"7. Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 m'għandux japplika."

2. Artikoli 5(8), 8 u 9 huma mħassra.

3. Anness III huwa mħassar.

Artikolu 4

Fir-Regolament (KE) Nru 936/97 l-Artikoli 10(3), 10(4), 11 u 12 huma mħassra.

Artikolu 5

Fir-Regolament (KE) Nru 995/97 l-Artikoli 4(3), 4(4), 5 u 6 huma mħassra.

Artikolu 6

Fir-Regolament (KE) No 996/97 l-Artikoli 9(3), 9(4), 10 u 11 huma mħassra.

Artikolu 7

Ir-Regolament (KE) Nru 1006/97 huwa emendat kif ġej:

1. Artikoli 5(5), 5(6), 10 u 11 huma mħassra.

2. Anness II huwa mħassar.

Artikolu 8

Fir-Regolament (KE) Nru 1042/97 it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(4) u l-Artikoli 8(5), 9 u 10 huma mħassra.

Artikolu 9

Ir-Regolament (KE) Nru 1376/97 huwa emendat kif ġej:

1. Artikolu 5(5)(b) huwa mibdul bi:

"(b) fil-kaxxa 16 waħda mill-kodiċi NM xierqa."

2. Artikoli 6(3), 6(4), 8 u 9 huma mħassra.

3. Anness II huwa mħassar.

Artikolu 10

Fir-Regolament (KE) Nru 1939/97 l-Artikoli 6 u 7 huma mħassra.

Artikolu 11

Ir-Regolament (KE) Nru 1940/97 huwa emendat kif ġej:

1. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(6) huwa mibdul b'dan li ġej:

"B'dankollu, l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 m'għandux japplika."

2. Artikoli 9 u 10 huma mħassra.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika għall-liċenzi ta' importazzjoni li tkun saret applikazzjoni għalihom mill-1 ta' Frar 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 Jannar 1998.

Għall-Kummissjoni

Franza FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

LISTA LI HEMM REFERENZA DWARHA FL-ARTIKOLU 5

— 0102 90 05

— 0102 90 21, 0102 90 29

— 0102 90 41 sa 0102 90 49

— 0102 90 51 sa 0102 90 79

— 0201 10 00, 0201 20 20

— 0201 20 30

— 0201 20 50

— 0201 20 90

— 0201 30 00, 0206 10 95

— 0202 10 00, 0202 20 10

— 0202 20 30

— 0202 20 50

— 0202 20 90

— 0202 30 10

— 0202 30 50

— 0202 30 90

— 0206 29 91

— 0210 20 10

— 0210 20 90, 0210 90 41, 0210 90 90

— 1602 50 10, 1602 90 61

— 1602 50 31

— 1602 50 39

— 1602 50 80

— 1602 90 69

ANNESS II(A)

NOTIFIKA TAL-LICENZJI TA' L-IMPORTAZZJONI

(Il-kodiċi murija għandhom ikunu wżati)

Stat Membru: .....

Applikazzjoni ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1445/95

Kwantitajiet tal-prodotti li għalihom ikunu ġew maħruġa liċenzi ta' l-importazzjoni

Minn: ..... lejn: .....

L-arranġamenti preferenzjali Nru serjali	Kodiċi tal-prodott (1)	Kwantità (tunnellati jew irjus)	Il-Pajjiż ta' l-oriġini (2)
Importazzjoni mhix preferenzjali			

(1) Dawn il-kodiċi bi tlett figuri tal-prodott għandhom ikunu wżati.

Kodiċi	Kodiċi NM
110	0102 90 05
120	0102 90 21 u 0102 90 29
130	0102 90 41 u 0102 90 49
140	0102 90 51 u0102 90 79
210	0201 10 00 u 0201 20 20
220	0201 20 30
230	0201 20 50
240	0201 20 90
250	0201 30 u 0206 10 95
310	0202 10 u 0202 20 10
320	0202 20 30
330	0202 20 50
340	0202 20 90
350	0202 30 10
360	0202 30 50
370	0202 30 90
380	0206 29 91
410	0210 20 10
420	0210 20 90, 0210 90 41 u 0210 90 90
510	1602 50 10 u 1602 90 61
520	1602 50 31
530	1602 50 39
540	1602 50 80
550	1602 90 69

(2) Għandha tkun mimlija biss għall-kwota ta' Nru 09.4002 ('Laħam ta' kwalità għolja')

ANNESS II(B)

NOTIFIKA TA' L-IMPORTAZZJONI ATTWALI

(Il-kodiċi murija għandhom ikunu wżati)

Stat Membru: .....

Applikazzjoni ta' l-Artikolu 6a tar-Regolament (KE) Nru 1445/95

Il-kwanitajiet ta' prodotti (kg jew irjus) attwalment importati:

1. L-arranġamenti preferenzjali [1]

   Nru(i) Serjali għal kull regolament

Il-Pajjiż ta' l-oriġini Xhar	Pajjiż A	Pajjiż B	Pajjiż...	Pajjiż Z
Xhar 1				
Xhar 2				
...				
...				
...				
Xhar 11				
Xhar 12				
Total għal 12 il-xhar				

2. Importazzjoni mhux-preferenzjali

   Il-kodiċi tal-prodott mogħtija fl-Anness II(A):

Il-Pajjiż ta' l-oriġini Xhar	Pajjiż A	Pajjiż B	Pajjiż...	Pajjiż Z
Xhar 1				
Xhar 2				
...				
...				
...				
Xhar 11				
Xhar 12				
Total għal 12 il-xhar				

[1] Għall-kwoti ta' l-annimali ħajjin Nru 09 405 u 09.4537, il-kwantitajiet importati għandhom ukoll ikunu maqsuma skond il-kodiċi tal-prodott kif mogħtiha fl-Anness II(A).